# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
# CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 212 – Il-Ħamis, 8 t'Ottubru 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 211 jkunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

# 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 *Ground* tal-*Football*

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li d-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club qed jitolbu li l-Kunsill jiffinanzja l-*flood lights*, bl-istima tkun ta' madwar €40,000. Huwa kompla jgħid li jekk il-Kunsill jidħol għal dan il-proġett irid ikun hemm xi tip ta' ftehim, liema ftehim għad irid jiġi diskuss u maqbul bejn il-partijiet.

Il-Viċi-Sindku qal li jekk jeżisti finanzjament minn entitajiet oħrajn, il-Kunsill m'għandux joħroġ il-flus biex jitwettaq dan il-proġett. Il-Viċi Sindku spjega li l-finanzi tal-Kunsill għandhom l-ewwel jintużaw għal proġetti li l-ebda għaqda jew organizzazzjoni m'għandha l-obbligu li twettaq fis-Siġġiewi. Il-Viċi Sindku sostna li huwa biss jekk il-Kunsill ikun sodisfatt li ma nstabx finanzjament, illi l-istess Kunsill għandu joffri l-għajnuna tiegħu li mhux neċessarjament tkun waħda finanzjarja.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkun proattiv u jidħol f'dan il-proġett basta jkun hemm ftehim li l-lokalità tkun se tibbenifika minnu fit-tul taż-żmien. Il-benefiċċju jista' jkun, fost oħrajn, li jkun hemm ħinijiet li l-grawnd ikun aċċessibli għall-pubbliku, per eżempju, biex persuna tkun tista' tmur tagħmel *jogging*. Però, kompla jgħid is-Sindku, ma nistgħux nitkellmu qabel nilħqu ftehim mas-Siġġiewi Football Club.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fl-estimi tas-sena finanzjarja preżenti ma kien hemm l-ebda flus ivvotati għal dan il-proġett.

Is-Sindku ippropona li huwa flimkien mal-Kunsillier Tanti jiltaqgħu mad-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club biex jiddiskutu abboz ta' ftehim u dan jitressaq fil-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.2 Monument Patri Ġużè Delia sj

Il-Viċi-Sindku qal li minħabba diversi diffikultajiet li nqalgħu mal-brunżar, id-data tal-kxif tal-monument se terġa' tiġi avvanzata b'ġimgħa oħra, iġifieri għal Ħadd l-1 ta' Novembru, 2009 u se ssir filgħodu. Huwa kompla jgħid li minħabba ċ-ċaqliq fid-data, l-Arċisqof Mons Pawl Cremona OP ma jistax jattendi. Il-kumitat *ad hoc* dehrlu li għandu jitlob lill-ispeaker, Dr Louis Galea, li kien diġà se jagħmel id-diskors prinċipali, biex jinawgura wkoll il-monument.

F'dan l-istadju, is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-kumitat ad hoc li qed jiġu annessi.

Is-Sindku ikkumenta li f'każijiet preċedenti, dejjem saret referenza għas-Sindku fuq l-iskrizzjoni tal-monument. Il-Viċi-Sindku wieġeb li l-kumitat iddiskuta u ddeċieda li l-kliem għandu jkun kif indikat fil-minuti tal-kumitat *ad hoc*. Il-Viċi Sindku spjega li dan il-kumitat mhuwiex kumitat normali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi iżda huwa

kumitat konġunt bejn il-Kunsill Lokali u l-Għaqda Kulturali Siġġiewi. Fl-iskrizzjoni hemm indikat li l-monument qed ikun imwaqqaf mill-Għaqda Kulturali Siġġiewi u l-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku spjega kif il-kumitat ħass li dak għandu jkun il-kliem addatat.

Is-Sindku insista li l-prassi dejjem kienet li fl-iskrizzjoni jitniżżel l-isem tas-Sindku. Il-Viċi-Sindku insista li m'għandiex tkun *over-ruled* deċiżjoni li ttieħdet mill-kumitat. Wara diskussjoni fit-tul, il-Viċi Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa informali tal-Kunsill kollu mal-Għaqda Wirt Kulturali Siġġiewi sabiex tkun diskussa din il-materja.

Is-Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.3 Bankini

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna l-istima mingħand il-kuntrattur.

## 2.4 Urban Investment Fund

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*awditjar* kif mitlub fl-aħħar seduta kien għadu ma sarx, u kien qed jistenna li jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

## 2.5 PA 7823/06 Construction of 17 *Dairy Cattle Farms and Manure Clamp* at Siggiewi

F'dan l-istadju is-Sindku qal li kien se jirtira mid-diskussjoni u l-laqgħa kompliet titmexxa mill-Viċi-Sindku.

Il-Viċi-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Joseph Sammut attenda għal *scoping meeting* li sar mill-MEPA fil-jiem li għaddew. Huwa qal li għandu numru ta' punti li saru lill-MEPA. Dawn jinkludu l-iskop tal-użu tal-*area* li tinsab madwar is-sit tal-proġett, kif se jinġarr il-materjal minn parti għall-oħra tas-sit, u jekk il-proġett hux se jirċievi materjal li jiġi minn siti oħrajn, kif ukoll it-toroq minn fejn se jgħaddi t-traffiku.
Huwa ippropona li dawn il-punti għandhom jintbagħtu lill-MEPA.
Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.6 Diskussjoni dwar il-Festa ta' San Nikola 2009

F'dan l-istadju, is-Sindku reġa' ħa t-tmexxija tas-seduta.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-minuti tal-laqgħa li saret fl-1 t'Ottubru, kif maqbul fis-seduta preċedenti (annessi).

Is-Sindku ippropona li d-deċiżjoni għandha tittieħed fis-seduta li jmiss.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.7 Ftuħ tal-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali li tgħid li hija r-responsabilità tas-Segretarju Eżekuttiv li jara li mis-Sibt 17 ta' Ottubru jibdew jinfetħu l-uffiċju amministrattivi tal-Kunsill.

L-uniku soluzzjoni hija li kellna persuna mħarrġa billi kienet taħdem fl-uffiċċju għal numru ta' xhur, u allura sakemm issir l-għażla uffiċjali tkun tista' tidħol hija. Din il-persuna aċċettat li tagħmel dan.

Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw dan l-arranġamnet u sadanittant jinħatar bord tal-għażla li jkun kompost mis-Sindku, il-Kunsillier Jesmond Tanti u s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.8 Bus shelters

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab stima lill-erba' kuntratturi u s'issa kien irċieva biss stima waħda. Madankollu għad baqa' żmien sat-Tnejn 19 t'Ottubru.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandu jkun infurmat bl-eżitu tat-tweġibiet tal-Faces Ltd.

## 2.9 Talbiet fi Triq il-Qiegħa u Triq San Ġakbu

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna għadna qed nistennew l-eżitu tal-ADT.

## 2.10 Diffikultà fi Triq it-Tank

Is-Sindku qal f'laqgħa li kellu mas-sur Cutajar, dan iddikjara li ma jsibx diffikultà li n-nies jgħaddu minn hemmhekk. Sadanittant, għadhom għaddejin diskussjonijiet mal-ADT biex din it-triq issir.

## 2.11 Plots vojta

Il-Viċi-Sindku qal li kien għadu qed jivverifika mal-MEPA dwar il-kwistjoni tal-*boundary walls.*

## 2.12 Zebra Crossing ħdejn il-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit

Il-Viċi-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu jikkunsidra din il-materja mill-ġdid, għaliex din tista' tkun kas ta' periklu minħabba li hemm *sleeping policeman* viċin. Intlaħaq qbil li din il-materja tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill qabel tittieħed deċiżjoni dwarha.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ

Il-Viċi Sindku qal li kien irċieva talba mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex il-Kunsill jieħu sehem fil-proġett tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ 2009 - 2010. Il-Viċi Sindku spjega x'inhuma l-għanijiet ta' dan il-proġett u qal li kien ħa l-inizjattiva biex tiġi ppreżentata applikazzjoni biex il-Kunsill jieħu f'sehem f'dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'dan il-proġett.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 Twaħħil ta' apparat DSLAM mill-Go plc

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mill-Go plc biet titwaħħal IDSL Box fi Triq il-Fawwara kif murija f'site plan u ritratt annessi.

Is-Sindku qal li din tidher li mhux se ttellef bl-ebda mod il-*flow* tat-traffiku, u allura ippropona li għandna naċċettaw din it-talba.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.3 Laqgħa ta' Konsultazzjoni mill-Majjistral Action Group

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva talba biex issir laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mill-Foundation Majjistral Action Group nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru fis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.4 Talba għal *one way system* fi Triq il-Girgenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mingħand l-ADT biex issir sistema ta' one way fi Triq il-Girgenti.

Is-Sindku qal li billi l-pjanta annessa mhux qed tispjega sewwa t-talba, għandha tintalab kjarifika mill-ADT u tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

## 5. KUNTRATTI

### 5.1 Aġudikazzjoni Kuntratt Street Sweeping & Cleaning LCS 28/09

Is-Sindku qal li kienu daħlu 4 offerti.
Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona li nipposponu d-deċiżjoni għal seduta oħra u sadanittant, l-erba' offerenti jintalbu jfornu l-Kunsill b'aktar informazzjoni dwar il-ħaddiema li se jallokkaw għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.2 Aġudikazzjoni Kuntratt Mixed household waste LCS 29/09

Is-Sindku qal li kienet daħħlet offerta waħda dik ta' Xuereb Brothers, u ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 Kuntratt cleaning and clearing of surfaced urban & non –urban areas

Is-Segretarju qal li bi żvista l-kuntratt LCS39/07 li ġie mġedded għal sena oħra fis-seduta 209, ma deherx imniżżel fil-minuti tas-seduta msemmija.

Is-Sindku ippropona li din għandha tidħol bħala korrezzjoni f'dawn il-minuti.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.4 Kuntratt resurfacing of roads LCS 37/07

Is-Segretarju qal li bi żvista l-kuntratt LCS 37/07 li ġie mġedded għal sena oħra fis-seduta 211, ma deherx imniżżel fil-minuti tas-seduta msemmija.

Is-Sindku ippropona li din għandha tidħol bħala korrezzjoni f'dawn il-minuti.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6. MOZZJONIJIET

### 6.1 Mozzjoni dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ippropona mozzjoni li taqra:-

"Billi fis-seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009, il-Kunsill Lokali Siġġiewi approva riżoluzzjoni li permezz tagħha talab lill-Gvern ċentrali sabiex il-proprjetà bin-numru

18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi tiġi devoluta lill-istess Kunsill Lokali Siġġiewi bil-għan li minnha jibdew joperaw *Day Care Centre* għall-Anzjani u l-uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi;

"U billi s-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubbliċi u Artijiet, Dr Jason Azzopardi, iddikjara pubblikament li l-Gvern ċentrali ddeċieda li mhux ser iġedded il-kera tal-imsemmija proprjetà lil terzi meta din tiskadi f'Ġunju 2010 u li t-talba tal-Kunsill Lokali Siġġiewi ġiet milqugħa;

"U billi huwa xieraq li b'mod immedjat il-Kunsill Lokali Siġġiewi jibda' jħejji sabiex fl-iqsar żmien possibbli jitwettaq proġett li permezz tiegħu l-imsemmija proprjetà tinbidel f'Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' llum il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009,

"Jirriżolvi li jaħtar Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku li jkun magħmul minn tliet membri.

"Jirriżolvi li jaħtar lill-Viċi Sindku Dr Karol Aquilina bħala *Chairman* u lill-Kunsillier Dr Mark Vassallo bħala Deputat *Chairman* tal-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku filwaqt li l-membru l-ieħor tal-Kumitat għandu jkun magħżul minn fost il-bqija tal-Kunsilliera;

"Jirriżolvi li l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku għandu:

1. Iwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa sabiex fl-iqsar żmien possibbli jiġi konkluż u ffirmat ftehim formali li permezz tiegħu l-imsemmija proprjetà tiġi devoluta mill-Gvern ċentrali lill-Kunsill Lokali Siġġiewi;
2. Jidentifika u jfassal pjanijiet dwar x'servizzi oħra apparti d-*Day Care Centre* għall-Anzjani u l-uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi, jistgħu jkunu offruti miċ-Ċentru Ċiviku;
3. Jiddiskuti u japprova kwalunkwe pjan, pjanta, skema u disinn tal-proġett;
4. Jikseb il-finanzi meħtieġa għat-twettiq tal-proġett;
5. Jikkoordina kwalunkwe talba għal kwotazzjonijiet u sejħa pubblika għal offerti, għal xogħlijiet, servizzi, materjali jew provvisti u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-aġġudikazzjoni tal-imsemmija kwotazzjonijiet u offerti sabiex jiġu approvati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi;
6. Jiddiskuti u japprova kwalunkwe materja oħra li jkollha x'taqsam mat-twettiq tal-imsemmi proġett;
7. Jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra li jidhirlu xierqa sabiex l-imsemmi proġett jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli għall-ġid tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin; u
8. Iżomm lir-residenti tas-Siġġiewi u lill-mezzi tax-xandir infurmati bil-ħidma li tkun qed issir fit-twettiq ta' dan il-proġett.

"Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għall-Erarji

Pubblici u Artijiet, Dr Jason Azzopardi u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard. Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Il-mozzjoni kienet issekondata mit-Tabib Mark Vassallo.

Wara li nqrat il-mozzjoni, il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li fil-kopja tal-mozzjoni li kienet intbagħtet hemm id-data żbaljata u kompla jgħid li ma kienx irċieva l-mozzjoni sitt ijiem qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jidher ċar li l-kwistjoni tad-data kien żball ġenwin u kkonferma li kien irċieva l-mozzjoni sitt ijiem qabel is-seduta. Huwa qal ukoll li sa issa ma kienx hemm obbligu li mozzjoni tintbagħat sitt ijiem qabel lill-kunsilliera imma trid tasal għand is-Segretarju Eżekuttiv sitt ijiem qabel.

Il-Kunsillier Cassar qal li xtaq jibda billi jsaqsi x'qed iġiegħel lill-Viċi-Sindku li wara xagħrejn milli ressaq il-mozzjoni tas-27 ta' Lulju, 2009 qed iressaq mozzjoni oħra sabiex fl-iqsar żmien possibli l-Każin Laburista tas-Siġġiewi jinbidel f'Ċentru Ċiviku. "Jidher li l-Viċi-Sindku għadu jistħi jew irid iqarraq bin-nies tas-Siġġiewi meta ma jsemmix il-post li jrid jittieħed mill-Gvern Nazzonalista u jgħid li l-post fejn irid isir id-Day Care Centre huwa fil-fatt il-Każin Laburista preżenti. It-tliet kunsilliera Laburisti m'aħniex lesti li nkunu kompliċi u nidħlu f'kumitat li l-għan prinċipali tiegħu huwa li jaħtaf taħt idejh il-Każin Laburista tas-Siġġiewi. Dan se jkompli jkabbar il-firda u mhux l-għaqda fir-raħal tagħna."

Il-Kunsillier Cassar staqsa lill-Viċi-Sindku x'ried ifisser bil-kliem li hemm fil-mozzjoni u li jgħid, "Iwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa sabiex fl-iqsar żmien possibbli jiġi konkluż u ffirmat ftehim formali li permezz tiegħu l-imsemmija proprjetà tiġi devoluta mill-Gvern ċentrali lill-Kunsill Lokali Siġġiewi".

Huwa kompla jgħid li bħala Kunsilliera Laburisti ħadmu ħafna qabel u ħafna aktar mill-Viċi-Sindku biex ikollna Day Care Centre, u huwa ta' għajb li wara dawn is-snin kollha dan baqa' ma sarx. Dan huwa ta' għajb għall-Kunsilliera Nazzjonalisti fis-Siġġiewi.

"Kulħadd jaf li l-intenzjoni tal-Viċi-Sindku mhijiex li jsir Day Care Centre imma li jittieħed il-Każin Laburista tas-Siġġiewi, li fuq kollox hija bid-dritt id-dar tagħna. Irrid infakkar fil-fuljett li kien ħareġ qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-2007 fejn dħaqtu bil-poplu tas-Siġġiewi meta kien ġie iddikjarat li fl-aħħar kien se jibda x-xogħol tad-Day Care Centre."

Il-Viċi Sindku qal li l-kritika tal-kunsilliera Laburista hija għal darb'oħra nġusta fil-konfront tiegħu u tal-bqija tal-Kunsilliera u fuq kollox hija insensittiva għall-bżonnijiet tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin. Il-Viċi Sindku spjega li huwa fl-interess ta' kulħadd li l-proġett tad-Day Care Centre jitwettaq fl-aqsar żmien possibbli u kien

għalhekk li qed ressaq mozzjoni biex jitwaqqaf kumitat tal-Kunsill bl-inkarigu li jaħdem fuq dan il-proġett.

F'dan l-istadju s-Sindku talab il-Kunsill biex jgħaddi għall-vot dwar din il-mozzjoni.

Voti Favur: (4) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsilliera Joseph Sammut u Mark Vassallo.

Vota Kontra: (3) Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Jesmond Tanti u Rita Psaila.

Il-mozzjoni kienet approvata.

**6.2 Il-Viċi-Sindku qal li fid-dawl ta' din ir-riżoluzzjoni, kien se jressaq mozzjoni oħra li taqra,**

"Billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi approva riżoluzzjoni li permezz tagħha waqqaf Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku liema kumitat huwa kompost minn tliet membri;

"U billi jonqos li jinħatar membru ieħor minn fost il-bqija tal-Kunsilliera sabiex l-imsemmi Kumitat ikun kostitwit skont ir-riżoluzzjoni approvata mill-Kunsill Lokali Siġġiewi llum il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009:

"Jirriżolvi li jaħtar lill-Kunsillier Nicholas Cassar bħala membru tal-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku."

F'dan l-istadju kien hemm diversi interruzzjonijiet mill-Kunsillier Nicholas Cassar u Rita Psaila. Il-Kunsillier Nicholas Cassar oġġezzjona bil-qawwa li ismu kien qed jissemma' f'din il-mozzjoni.

Is-Sindku qal li f'din il-mozzjoni hemm il-kliem "jirriżolvi li jaħtar". Madankollu la l-Kunsillier imsemmi ma jridx jaċċetta, allura kien se jkun proċess inutli.

Il-Viċi-Sindku qal li kien se jbiddel il-kliem tal-aħħar paragrafu tal-mozzjoni biex jiġi jaqra hekk: "Jirriżolvi li joffri l-ħatra f'dan il-kumitat lill-Kunsillier Nicholas Cassar, lill-Kunsilliera Rita Psaila u lill-Kunsillier Jesmond Tanti f'dan l-ordni"

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Meta l-mozzjoni għaddiet għall-vot l-eżitu kien hekk:
Voti Favur: (4) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsilliera Joseph Sammut u Mark Vassallo.
Vota Kontra: (3) Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Jesmond Tanti u Rita Psaila.

Il-mozzjoni kienet approvata.

F'dan l-istadju l-Kunsilliera Nicholas Cassar, Rita Psaila u Jesmond Tanti iddikjaraw li mhux qegħdin jaċċettaw din il-ħatra u rrifjutaw li jkunu parti mill-kumitat .

Hawnhekk il-Viċi-Sindku ippropona li jinħatar bħala membru fil-kumitat il-Kunsillier Joseph Sammut.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda. Meta ttieħed il-vot, l-eżitu kien hekk:

Voti Favur: (4) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsilliera Joseph Sammut u Mark Vassallo.
Vota Kontra: (3) Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Jesmond Tanti u Rita Psaila.

Il-mozzjoni kienet approvata u b'hekk il-membri ta' dan il-kumitat huma l-Viċi-Sindku, Dr Karol Aquilina, u l-Kunsilliera Joseph Sammut u Dr Mark A. Vassallo.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti staqsa x'se jsir mill-art li fiha kien se jsir id-Day Care Centre.
Is-Sindku talab li jingħata żmien sas-seduta li jmiss biex iġib tweġiba formali.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

### 7.1 Il-kollezzjoni tal-iskart imħallat

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport dwar il-ġbir tal-iskart riċiklat (anness). Huwa spjega li l-mira għandha tkun li nwasslu lir-residenti biex jisseparaw aktar l-iskart tagħhom, u b'hekk mhux biss ngħinu biex ikollna ambjent aħjar imma wkoll niffrankaw il-flus tal-Kunsill.

Bl-arranġamenti mal-GreenMT, il-Kunsill ma jkollux sehem dirett aktar mal-ġbir tal-iskart separat, li preżentament qed jinġabar nhar ta' Tlieta, u t-tbattil u l-indafa tal-*bring-in-sites* isiru responsabbiltà tagħhom.

Huwa kompla jgħid li biex jinċentivaw lir-residenti, diversi kunsilli oħra qed joffru l-boroż għall-iskart riċiklat. Kunsilli oħrajn daħħlu wkoll is-sistema li l-ġbir tal-iskart isseparat isir il-Ġimgħa wkoll, iġifieri fuq bażi ta' jumejn.

Barra minn dan, il-kollettur mhux obbligat li jiġbor l-ippakkeġġjar tal-entitatjiet kummerċjali. Madankollu b'arranġament mal-GreenMT, il-kumpanija lesta li tara li dan l-iskart jinġabar b'mod frekwenti. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jsir komunikat mal-entitajiet kummerċjali kollha.

Wara diskussjoni fid-dettal, il-Kunsill qabel li jiġi iffirmat il-kuntratt mal-GreenMT u jiddaħlu dawn il-providentimenti:

(i) Illi fiż-żmien opportun, il-ġranet tal-ġbir tal-materjal riċiklat jitilgħu għal tnejn, i.e. it-Tlieta u l-Ġimgħa;

(ii) Illi nhar ta' Tlieta tinġabar biss il-borża l-griża (tal-iskart isseparat) u ma tinġabarx il-borża s-sewda;

(iii) Illi l-ħwienet u n-negozji jiġu avżati li mhux se jibqa' jinġabar skart ta' riċiklar għajr nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa;

(iv) Il-Kunsill se jaghmel kampanja biex iħeġġeġ lin-nies dwar il-ħtieġa tas-separazzjoni tal-iskart isseparat;

(v) Se nagħtu l-boroż għall-ġbir tar-riċiklaġġ lir-residenti kollha għal sena sħiħa. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji;

(vi) Għalissa ma nżidux *bring-in site bins* fiz-zona urbana;

(vii) Issir *bring-in site* fis-sit tal-SAG;

(viii) Insolvu l-problema tal-iskart kliniku tad-Dar tal-Providenza.

## 7.2 Tindif minn għaqdiet volontarji

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħala parti mill-Inizjattiva għal-Lokalità aktar nadifa, nhar is-Sibt 17 t'Ottubru, grupp ta' tfal min-nursery tas-Siġġiewi Footbal Club se jdaddfu l-area qrib il-ground tal-Football u grupp ta' Scouts mill-Mosta se jnaddfu l-area ta' ħdejn il-Munxar fit-Triq ta' Għar Lapsi. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

## 7.3 Armar ta' Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa fi żmien il-Milied

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva offerta mill-Grupp tal-Armar biex għal sena oħra jarmaw dawn iż-żewġ toroq imsemmija bid-dwal tal-Milied. Il-prezz huwa ta' €1,100.

Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw din l-offerta.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 7.4 Talba għal *Zebra Crossing* fi Triq Mons M. Azzopardi

Il-Kunsilliera Rita Psaila talbet li ssir zebra crossing jew traffic lights oħra f'din l-imsemmija triq, ħdejn l-aħħar stage.Għalhekk għandna ssir diskussjoni mal-Perit tal-Kunsill u event-walment issir talba lill-ADT.

## 7.5 Periklu dwar l-Għar ta' Lapsi

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li diversi persuni ġibdulu l-attenzjoni li jista' jkun hemm periklu fl-għar il-kbir ta' Għar Lapsi.

Is-Sindku qal li din tista' tkun **dangerous structure** u għandu jiġi avżat id-Dipartiment.

### 7.6 Kontroll tat-Traffiku fi Triq il-Kbira

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo qal li għandhom jitwaħħlu tabelli biex din it-triq issir bi speed limit ta' 30 kilometru fis-siegħa. Is-Sindku qal li għandna niktbu lill-ADT.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fl-10.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **it-Tnejn, 16 ' Novembru, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2009